# TAGĦRIF STORIKU FUQ IL-BANDA *SANTA ELENA*

Meta mqallbu l-kotba ta' l-istorja nsibu, li sa mill-1865 kienet ġiet imwaqqfa ġewwa Birkirkara Banda li kienet iġġib l-isem ta' ***Banda Sant' Elena***.

Xi żmien wara dan l-isem ġie mibdul fl-isem ta' *Alleanza*, li jfisser *għaqda*, iżda ġara li flok l-għaqda, nqalgħet firda, għaliex xi bandisti waqqfu banda oħra bl-isem ta' ***La Stella***. Din il-Banda ***La Stella***, kienet magħrufa wkoll bl-isem ***Ta' Ħamsa***, u kellha l-każin tagħha f'Palazzo Souchet, fil-pjazza tal-Knisja. Din il-banda ma kellha ebda rabta ma' baned oħrajn.

Kien fis-sena 1918 li fil-festa ta' Santa Liena, il-Banda ta' Birkirkara ma ħaditx sehem fil-festa u minflok inġabet banda oħra biex tferraħ qlub il-Karkariżi. Xi Karkariżi ħaduha wisq bi kbira li banda Karkariża ma tieħux sehem fil-festa tal-Patruna, u waħħlu f'moħħhom li jwaqqfu banda bl-isem ta' ***Banda Sant' Elena***. Tnejn minn dawn minn nies li kienu ferm prominenti fit-twaqqif ta' din il-Banda ġdida kienu s-Sur Giovanni Grech Duca u s-Sur Ignazio Sammut. Ħadmu u stinkaw kemm felħu biex jaraw li din il-ħolma tagħhom issir realtà. Bdew isibu nies li kienu jdoqqu fil-komittiva, wegħduhom ħlas tajjeb jekk jibdew idoqqu mal-Banda l-ġdida.

Fl-1919 l-ewwel bandisti f'din il-Banda li ġiet mogħtija l-isem ta' ***Banda Sant' Elena***, kienu jieħdu sehem fil-komitiva, u qabel kienu wkoll bandisti fil-banda ***Ta Ħamsa***. Huma għażlu bħala l-ewwel surmast tagħhom lil Mro. Ferdinando Camilleri. Kien jonqoshom issa l-mużika fuqhiex idoqqu. Hekk kif żarmat il-banda ***Ta' Ħamsa*** jew ***La Stella***, il-mużika nxtrat minn din il-banda li kienet għadha kif twaqqfet.

Il-Banda ***Sant' Elena*** bdiet tiltaqa' fil-każin fi Piazzetta San Francesco Saverio. Dan kien każin ta' l-armar, u kien jieħu ħsieb il-festa ta' Santa Liena.

Il-kunċerti kienu jsiru f'dan il-każin. Il-bidu tal-ħajja ta' din il-Banda kien tajjeb, għax bandisti kien hemm madwar 30. Xi wħud kellhom l-istrumenti tagħhom, u oħrajn kienu jdoqqu fil-Banda tal-K.O.M.R.M., magħrufa bħala tal-Milizzja. L-interess kull ma jmur kien dejjem jikber. Kien jonqos biss li l-banda tidher fil-pubbliku għall-ewwel darba. Sa fl-aħħar waslet l-ewwel kumissjoni. Il-Banda ***Sant' Elena*** ġiet mistiedna ddoqq f'Ħal Balzan, lejliet il-festa tal-Lunzjata. Il-kumissjoni kienet ta' żewġ liri u nofs. B'din il-kumissjoni l-Banda ma sofriet ebda telf, għax biex jiġu ffrankati l-ispejjeż il-bandisti marru Ħal Balzan u reġgħu lura bil-mixi! F'din l-ewwel okkażjoni sar marċ minn ħdejn l-Għassa tal-Pulizija ta' Ħal Lija sa ħdejn il-każin tal-Lunzjata. Il-Banda ġiet milqugħa ferm tajjeb.

Taħt it-tmexxija tas-Surmast Ferdinando Camilleri, l-Banda bdiet miexja fit-triq tas-suċċessi, u kompliet miexja f'din it-triq ukoll taħt it-tmexxija ta' ibnu s-Surmast Giuseppe Camilleri u tas-Surmastrijiet Gioacchino Micallef, Vincenzo Costa, Giużeppe Busuttil, Joseph Sammut, u s-Surmast preżenti, Clemente Sciberras.

Aktar ma beda jgħaddi ż-żmien aktar il-Banda bdiet tissoda u tieħu fama. Infetaħ każin ġdid fi Triq il-Kbira. Allievi bdew ġejjin bi kwantità. Għalliema tal-mużika kien hemm tnejn, Giovanni Grech li kien jgħallem l-injam u li kellu wkoll il-Banda ***San Gejtanu*** tal-Ħamrun, u Ignazio Sammut li kien jgħallem ir-ram.

Tant kienet popolari l-Banda ***Sant' Elena*** li kellha l-unur li tiftaħar li kienet waħda mill-iktar baned, jekk mhux l-iktar waħda, li kellha kummissjonijiet. Tant hu hekk, li minbarra f'xi sitt irħula, daqqet f'kull rokna ta' Malta. F'Għawdex, il-Banda kienet tiġi mistiedna regolarment.

Fl-Esibizzjoni tal-Baned tal-1923 fil-Belt Valletta, il-Banda taħt id-direzzjoni tas-Surmast Vincenzo Costa, irnexxielha tikseb it-tieni post. L-ewwel post ħaditu l-banda tal-Belt.

Is-suċċessi tal-Banda ma kienux limitati biss għal Malta u Għawdex, iżda barra x-xtut ta' Malta wkoll. Fl-1926, il-Banda ġet mistiedna tmur Tunes. Il-Banda kienet taħt id-direzzjoni tas-Surmast Ġużeppi Busuttil u daqqet marċi u programm quddiem il-Katidral ta' Tunes. Il-komunità Maltija t'hemm għamlitilha laqgħa mill-aqwa. Din il-mawra tant kienet suċċess li sentejn wara ġiet mistiedna li terġa' tmur hemm. Il-laqgħa li kellha l-Banda għal din it-tieni mawra tagħha f'Tunes kienet xi ħaġa kbira. Kien ġewwa Tunes li s-Surmast Busuttil ġie maħtur kavalier għall-ħila li wera fl-arti mużikali. Il-bandisti ġew mogħtija midalja kull wieħed u l-Bandalora ġiet dekorata wkoll b'midalja kbira, kollox rigali tal-Bey ta' Tunes. L-iktar ħaġa li ħadet pjaċir biha l-komunità Maltija ta' Tunes kienet li kemm is-Surmast kif ukoll il-bandisti kienu Maltin.

Fis-sena 1929 iżżanżan planċier mill-isbaħ, meta f'Malta ma kienx hawn ħlief ieħor bħalu. Dan il-planċier ġie dekorat mill-ġdid din is-sena u għalkemm ilu jservi dak iż-żmien kollu għadu jgħaxxqek bil-ġmiel tiegħu. Fis-sena 1950 iżżanżnet strumentatura ġdida mill-aktar intonata, li l-flus għax-xiri tagħha ġew miġbura mill-partitarji numerużi tal-Banda.

Fil-festi ċentinarji ta' Santa Liena ta' l-1928, il-Banda stabbiliet l-Innu popolari tal-Banda, fuq versi tal-Kavalier Ġużè Dimech Debono u mużika tas-Surmast Kavalier Ġużeppi Busuttil. F'din l-istess okkażjoni indaqq għall-ewwel darba l-*Inno di Gloria a Sant' Elena Imperatrice*, b'versi u mużika ta' l-istess Dimech Debono u Busuttil. Dawn iż-żewġ innijiet għadhom jindaqqu sal-lum u jibqgħu jindaqqu sakemm iddum wieqfa l-banda, bħala monument xieraq lil dawn iż-żewġ persunaġġi li tant ħabbew lill-Banda u li ma setgħux jagħtu rigal iżjed xieraq minn dak li taw.

Meta l-Banda marret Tunes it-tielet darba fl-1938, hija wriet l-ikbar patrijottiżmu li banda tista' turi, għaliex din il-Banda Sant' Elena li daqqet għall-ewwel darba l-Innu Malti barra x-xtut ta' Malta, dak l-Innu li tant qiegħed għall-qlub il-Maltin. Qabeż id-dmugħ dak in-nhar minn għajnejn il-Maltin ta' Tunes meta semgħu għall-ewwel darba dik il-ħlewwa ta' mużika li hija l-Innu Malti.

Il-Banda ***Sant'Elena*** dejjem kienet minn ta' quddiem biex tkabbar il-festi u biex tieħu sehem f'okkażżjonijiet uffiċjali, na''jonali u straordinarji. Il-Banda daqqet fil-preżenza ta' persunaġġi rjali dinjitarji tal-knisja u persuni oħra distinti.

Fil-konkors nazzjonali ta' marċi grotteski, il-Banda ***Sant' Elena*** għandha rekord assolut. Bejn l-1929 u l-1956, fi tlettax-il darba li ħadet sehem irnexxielha tisboq lil kull banda oħra li ħadet sehem billi kull darba ħadet l-ewwel premju.

Ma dan irridu nżidu li fl-1979 il-Banda kisbet l-ewwel post fil-konkors ta' l-Innu Marċ għal Jum il-Ħelsien. Irridu ngħidu wkoll li fit-13 ta' Diċembru 1985 ġiet mogħtija l-ewwel post għall-aħjar interpretazzjoni ta' biċċa mużika moderna.

Taħt it-tmexxija tas-Surmast Ferdinando Camilleri, l-Banda bdiet miexja fit-triq tas-suċċessi, u kompliet miexja f'din it-triq ukoll taħt it-tmexxija ta' ibnu s-Surmast Giuseppe Camilleri u tas-Surmastrijiet Gioacchino Micallef, Vincenzo Costa, Giużeppe Busuttil, Joseph Sammut, u s-Surmast preżenti, Clemente Sciberras.

Aktar ma beda jgħaddi ż-żmien aktar il-Banda bdiet tissoda u tieħu fama. Infetaħ

pajjiż li tferraħ bil-mużika tagħha. Il-Banda tiftaħar li għandha mużiċisti ta' klassi. In-numru ta' bandisti huwa konsiderevoli, kif ukoll huwa n-numru ta' l-allievi. Is-Sinjuri Joseph Zammit, li huwa nkarigat mis-sezzjoni ta' l-injam, u Archibald Mizzi mis-sezzjoni tar-ram, jgħamlu ħilithom biex flimkien mas-Surmast Clemente Sciberras jiżviluppaw dak it-talent mużikali, biex il-fjamma li nxtegħlet f'dan il-qasam mhux biss ma tintefiex, iżda li tibqa' tagħti dak id-dawl qawwi li jixirqilha l-Banda ***Sant' Elena***.

# ST. HELENA BAND CLUB

## KUMITAT TAL-BANDA SANT' ELENA 1986-1987

*President:* DR. J.L. FENECH ADAMI LL.D

*Viċi-President:* SUR J. VELLA

*Segretarju:* SUR G. MALLIA

*Asst. Segretarju:* SUR C. GRECH

*Kaxxier:* SUR R. MICALLEF

*Asst. Kaxxier:* SUR A. CALLEJA

*Direttur spiritwali:* IL-W. REV. KAN. V. BUHAGIAR

*Membri:*
SINJURI T. ASCIAK, EM. ATTARD, J. BARBARA, M. BORG, J. BUHAGIAR SR., J. BUHAGIAR JR., A. CAMILLERI, J. CATANIA, KAV. J. FARRUGIA, J. GRECH DUCA, G.M. GRIMA, A. MICALLEF, CARM. MICALLEF, CHARLES MICALLEF u J. GAUCI.